# L-Istatwa tal-Lunzjata tal-Wied

*Mons. Karm Borg*

Fl-istorja tal-Knisja nsibu li kien hemm biss żewġ okkażjonijiet meta l-Papa mar iniedi Sena Marjana għall-Knisja Universali. L-ewwel waħda kienet is-sena Marjana 1954 imnedija mill-Papa Piju XII biex tfakkar iċ-ċentinarju tad-Domma tal-Immakulata Kunċizzjoni pproklamata permezz tal-Kostituzzjoni Appostolika *Ineffabilis Deus* tat-8 ta' Diċembru, 1854. L-oħra tnediet mill-Papa Ġwanni Pawlu II, fis-sena 1987, bi tħejjija għall-Millennju l-ġdid.

## Sena Marjana 1954

Għall-okkażjoni tas-Sena Marjana 1954, il-Papa Piju XII, kien xandar l-ittra enċiklika *Fulgens Corona* (8 ta' Settembru 1853), li permezz tagħha ħeġġeġ lill-poplu nisrani biex permezz ta' prietki u diskorsi li kellhom isiru matul dik is-sena jikber fil-Fidi u fid-devozzjoni lejn il-Verġni Marija. Knejjes u Santwarji Marjani fid-dinja jew "għallinqas xi artal fejn hi meqjuma x-xbieha qaddisa tal-Imqaddsa Verġni Marija" kellhom jistiednu l-poplu għal servizzi pubbliċi għad-devozzjoni fost l-insara. (*Fulgens Corona, 31, 32.*)

Mad-dinja kollha fis-sena 1954 kienu saru bosta attivitajiet bil-għan li tissaħħaħ il-Fidi u li tikber id-devozzjoni awtentika lejn il-Madonna. Anke fid-djoċesi ta' Għawdex kienu saru diversi ċelebrazzjonijiet u ttieħdu inizjattivi biex is-Sena Marjana mnedija mill-Papa Piju XII setgħet tħalli frott spiritwali fost l-insara Għawdxin.

## Statwa ġdida fil-Knisja tal-Lunzjata

Preċiżament fil-kuntest ta' din is-Sena Marjana, meta fid-dinja kollha kien hemm qawmien fil-Fidi, u fl-insara kienet issaħħet sew il-fjamma tad-devozzjoni lejn il-Verġni Marija Omm Alla, fil-knisja ċkejkna ta' Wied il-Lunzjata ġewwa Għawdex, fejn l-uniku artal huwa ddedikat lill-Verġni Marija Annunzjata, ittieħdet id-deċiżjoni li ssir statwa li tirrappreżenta l-mument solenni tat-Tħabbira tal-Anġlu lill-Verġni Mqaddsa Marija. Hawn wieħed irid jinnota b'enfasi li propju fil-Kostituzzjoni *Ineffabilis Deus* li biha l-Papa Piju IX ipproklama d-Domma tal-Kunċizzjoni hemm referenza qawwija u diretta lejn l-episodju bibliku tal-Annunzjazzjoni.



*L-Istatwa tal-Lunzjata*



*Il-knisja minn barra*

L-istatwa titulari tal-Lunzjata, xogħol il-bravu artist Għawdxi Wistin Camilleri saret fis-sena 1954 meta bħala Rettur tal-Knisja tal-Lunzjata kien hemm Dun Mikelanġ Grech minn Ta' Kerċem. Kien daħal biex iħallas l-ispejjeż ta' din l-istatwa ċertu Ġużeppi Formosa, minn Ta' Kerċem, li kien miżżewweġ u kien joqgħod ir-Rabat. Dan Ġużeppi kien wieħed mid-devoti kbar ta' Marija Annunzjata. Għal ħafna snin huwa serva bħala sagristan u ħa ħsieb il-manutenzjoni tal-kappella tal-Lunzjata b'dedikazzjoni kbira. L-istatwa ta' Marija Annunzjata kienet tbierket mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Ġuzeppi Pace nhar lejlet il-Festa, l-24 ta' Marzu, 1954. Minn dakinhar sal-ġurnata tal-lum, din l-istatwa flimkien mal-kwadru titulari xogħol prestiġġjuż ta' Luca Garnier (seklu XVII), huma ċ-ċentru tad-devozzjoni Marjana fil-knisja ta' Wied il-Lunzjata – wied li jifred lir-raħal ta' Kerċem mill-Belt Victorja. Mhux għaġeb mela li l-ikbar għadd ta' devoti ta' Marija Annunzjata fost l-Għawdxin jiġu minn Ta' Kerċem u mir-Rabat. Però rrid ngħid li, għalkemm il-knisja tal-Lunzjata tinsab fil-periferija tar-Rabat, jibqa' fatt li l-għadd tad-devoti li kuljum, jew kważi kuljum iżuru dan is-santwarju marjan huma l-iktar Kerċmin li sa minn tfulithom trabbew għad-dell ta' din il-kappella medjevali. Mhux għalxejn li ħafna Għawdxin u anke Maltin jaħsbu li din il-Kappella tinsab fit-territorju ta' Kerċem!

## Niċċa



*Il-knisja minn ġewwa*

Għal xi snin l-istatwa ta' Marija Annunzjata li tkun esposta fil-Kappella għall-qima tad-devoti fil-jiem tal-festa titulari, matul is-sena kienet tinżamm fid-dar tal-benefattur li ħallas għaliha, Ġużeppi Formosa. Fil-knisja kien għad m'hemmx niċċa fejn setgħet tinżamm. In-niċċa li hemm illum saret lejn tmiem is-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor. Id-dekorazzjoni tan-niċċa saret lejn nofs is-snin tmenin mill-artist Michael Camilleri Cauchi, bin Wistin l-istatwarju. L-induratura tal-Istatwa saret minn Mario Camilleri Cauchi fil-bidu tas-snin tmenin fi żmien ir-Rettur Monsinjur Ġużeppi Azzopardi. Il-vetrata tal-kawba li saret fil-bidu tas-snin tmenin hija xogħol id-Ditta *Pascal's Wood Works* ta' Victoria. Hawn ta' min jgħid li x-xogħol kollu fuq din il-vetrata sar kollu *gratis*. L-ispejjeż kienu tħallsu mill-benefattur Frank Debono mill-Furjana u minn Baskal Attard mir-Rabat, Għawdex, li kien responsabbli mix-xogħol tal-istess vetrata. Lejn tmiem is-sena li għaddiet saret stallazzjoni ta' luminazzjoni ġdida u iktar xierqa għan-niċċa tal-Lunzjata.

## Opri ta' artiġġjanat

Fin-niċċa, l-istatwa tinsab imżejna s-sena kollha b'girlanda tal-ganutell. Din aktarx li kienet diġà hemm sa minn meta saret l-istatwa titulari għalkemm jista' jkun li ma nħadmitx għall-Lunzjata; nafu li lejn tmiem is-snin ħamsin din diġà kellha bżonn ta' xi tiswijiet, tant li dakinhar kienet ġiet irrestawrata minn Rita Azzopardi li għamlitilha wkoll xi żieda. Fis-sena 2010 imbagħad kienet





*Wied il-Lunzjata*

saret girlanda ġdida, tal-ganutell ukoll, biex tintrama madwar l-istatwa fil-festa. Din inħadmet *gratis* minn Ġuza Vella bl-għajnuna ta' Rita Cini. L-ispejjeż tħallsu kollha mill-familji Vella u Cini minn Ta' Kerċem. U la qed nitkellmu dwar il-ganutell li jżejjen l-istatwa tal-Lunzjata ma nistax inħalli barra l-ġilju li jżomm f'idejh l-anġlu Gabrijel. Il-ġilju li għandu l-anġlu fin-niċċa naturalment huwa dak oriġinali kif ħareġ minn idejn l-istatwarju Wistin Camilleri. Dak li jkollu fil-jiem tal-festa sar fis-sena 2009 meta kienet inħadmet ukoll il-girlanda għal mal-istatwa ta' San Ġużepp li hemm fl-istess Knisja tal-Lunzjata. Dawn huma xogħol *gratis* ta' Feliċ Vella u martu Anna mix-Xewkija. L-ispejjeż tal-girlanda ta' San Ġużepp u tal-ġilju tal-Anġlu (parti mill-istatwa titulari), tħallsu kollha minn erba' familji: minn ta' Kerċem (familja Galea u familja Buttigieg), mill-Fontana (familja Tabone) u mix-Xewkija (familja Vella). Għall-okkażjoni tal-festa ta' din is-sena qed jiżżanżnu wkoll erba' fjuretti tal-ganutell xogħol *gratis* ta' Ġuza Vella waqt li l-ispejjeż kollha għal din l-opra tħallsu minn Martiana Vella minn ta' Kerċem.

## Il-Ġublew tad-Djamanti

Meta tliet snin ilu, fl-2014, tfakkar is-60 Anniversarju tal-Istatwa Titulari, fost ċelebrazzjonijiet u attivitajiet oħra, ittieħdet l-inizjattiva li bħala tifkira ta' dan l-anniversarju, matul is-sena 2014, titwaqqaf Borża ta' Studju fis-Seminarju ta' Għawdex. Din l-inizjattiva tħabbret mir-Rettur tal-Lunzjata, nhar lejlet il-Milied, 24 ta' Diċembru, 2013. Grazzi għall-ġenerożità kbira tal-komunità ċkejkna li tattendi kuljum fil-Knisja tal-Lunzjata, is-somma meħtieġa (€600) għall-Borża ta' Studju inġabret fi ftit ġranet, u ġiet ippreżentata lir-Rettur tas-Seminarju, dak iż-żmien Dun (illum Monsinjur) Daniel Xerri, nhar il-festa, il-25 ta' Marzu, 2014.



*Wistin Camilleri*

Fuq inizjattiva tar-Rettur tal-Lunzjata Monsinjur Karm Borg, u bil-ġenerożità tal-benefatturi, fis-sena 2015, kien sar xogħol ta' konservazzjoni, restawr u induratura fuq l-istatwa titulari tal-Lunzjata li għandha ħafna devozzjoni fost l-Għawdxin. Ix-xogħol tar-restawr u l-induratura kien esegwit minn Mario Camilleri Cauchi, iben l-artist Wistin Camilleri li ħadem din l-istatwa 63 sena ilu.